**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 9 ta' Frar, 2017

Rikors numru : 347/16 AL

**Ab**

**vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-esponenti izzeweg lil CB detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 65249 M nhar l-ghoxrin (20) ta' Lulju tal-elfejn disa' mija erbgha u sebghin (1974) u dan skond ic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala *Dok A* u minn dan iz-zewg kellhom tifel, Nli huwa magguri.

2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati ghal dawn l-ahhar tlettax–il sena b'kuntratt redat minn Nutar Dottor Joseph Debono u datat sitta ta' Frar elfejn u tlieta (6/2/2003) liema kopja qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala *Dok B.*

3. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni

bejniethom, stante illi minbarra li ilhom mifrudin ghal diversi snin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.

4. Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut stante li l-esponenti dejjem hallas il-manteniment dovut.

5. Illi l-fatti su riportati jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksieb tad-divorzju, skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Illi ghalhekk ai termini tal-Att XIV tal-2011, l-esponenti jixtieq jitlob il-hall taz-zwieg tieghu mal-imsemmija CB.

Talab ghar-ragunijiet fuq imsemmija illi l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna :

1. Tippronunzja d-divorzju bejn l-esponenti u CB detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 65249 M; u
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit min din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex isiru d-debita registrazzjoni u annotamenti fl-atti civili relattivi fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimata, li permezz taghha tirrileva :

1. Illi preliminarjament l-esponenti tikkontendi illi huwa minnu li l-partijiet ilhom iktar minn erba' snin isseparati u li bejniethom m'hemm l-ebda cans ta' rikonciljazzjoni;
2. Illi effettivament l-esponenti taqbel ukoll illi bhala stat ta' fatt m'hemmx arretrati ta' manteniment dovut mill-intimat, <u>madanakollu r-rikorrent dejjem naqas milli jhallas lill-martu ghaz-zidiet tal-gholi tal-hajja u dan del resto kif inhu obbligat li jaghmel skont il-kuntratt ta' separazzjoni tal-kontendenti u kwindi llum hemm xi arretrati f'dan ir-rigward;</u>
3. <u>Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti tirrileva illi hija moralment topponi ghat-talba taz-zewgha ghad-divorzju, madanakollu legalment hija tirrimetti ruhha a savju gudizzju ta' din l-Qorti u dan dment li r-rikorrent jonora l-obbligi kollha kontratti minnu fil-kuntratt ta' separazzjoni;</u>

4. Illi finalment l-esponenti topponi ghall-ispejjez tal-proceduri odjern;

Tant ghandha x’tissottometti l-esponenti f’dan l-istadju;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-27 ta’ Lulju 2016;

Rat il-verbal tat-2 ta’ Frar 2017 li permezz tieghu l-avukat difensur tal-intimata irtirat l-eccezzjoni kontenuta fit-tieni paragrafu tar-risposta tal-intimata;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-6 ta’ Frar 2003;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.